Minuti tal-Laqgħa Nru. 9 tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Novembru 2012 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur. Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura. Lucia Massa<br>Is-Snrna. Christina Sammut |
| Skużati | Is-Sur. Christian Falzon |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Tenders, Family Park Ħal Farruġ, Insurance, Patching etc
5. Attivitajiet tal-Milied
6. Post Mortem, Attivita Mikielanġ Sapiano u Ħarġa Kulturali
7. Mixgħela tat-Toroq
8. Proġett Family Park
9. Skemi ETC
10. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
11. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti tal-laqgħa preċedenti inqraw u ġew approvati.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Ma kien hemm l-ebda punti imqajjma fil-minuti.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana semma li ġewwa Ħal Farruġ fejn il-kappella kien hemm bżonn li titpoġġa skip oħra billi dik li kien hemm ma kinitx qed iservi biżejjed. Is-Sindku semma li l-problema kienet qed tinħoloq billi kien hemm persuni minn barra ż-żona li kienu qed jiġu jużaw l-iskips ta' Ħal Farruġ biex jarmu. Il-Kunsillier Caruana irrisponda li huwa stess kien osserva ir-residenti li kienu qed jarmu u mill-ammont ta skart mormi minhom dawn ma kinux qed iservu. Il-Kunsillier Caruana semma li kien hemm ukoll rimi ta skart goff li kellu jitneħħa mill-ħaddiema tal-Kunsill stess.

3.2 Il-Kunsillier Caruana li fejn l-iskip ta fejn il-Kappella inħarat u tneħħa ħafna ġebel. Fejn hemm il-ħamrija huwa semma li trid terġa titpoġġa xi kurduna fuq il-post billi hija nieqsa u b' hekk il-ħamrija tista tintilef. Huwa semma li fejn qed issir il-bankina maġenb l-iskola u għad fadal il-materjal biex dan jinġabar u b' hekk jintuża għat tabelli.

3.3 Il-Kunsilliera Massa semmiet li f' Ħal Luqa id-dawl qed idum jixgħel matul il-ġurnata.

3.4 Il-Kunsillier Caruana saqsa x kien sar fuq il-lampa li kellha isir fi Triq l-Apparrell billi din għadha ma saritx. Is-Segretarju irrisponda li kien hemm problema minħabba is-site plan tal-Enemalta billi kienet qed tiġi ċara u għalhekk talab biex jibgħathom bħala soft copy.

3.5 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm bollard quddiem il-Jaxi li kienet ta periklu.

3.6 Il-Kunsilliera Sammut semmiet li r-residenti li joqgħodu Triq Ħal Qormi qed ikollhom problema għal parkeġġ u saqsiet jekk din il-parti tistax issir applikazzjoni għal residential parking ukoll. Is-Sindku semma li fejn saru r-residential parking diġa kien qed ikun hemm problema għal dawk li mhumiex residenti billi r-residenti kienu qed jipparkjaw il-vetturi tagħhom ġol kaxxi bojod billi hemm minhom li għandhom aktar minn vettura waħda. Is-Sindku semma li kienet waslet ittra minn naħa tal-avukat tal-Express Trailers fejn ressaq l-ilmenti tal-ħaddiema li lesti jieħdu passi. Is-Sindku spjega li saret laqgħa mar-rappreżentanti tal-Express Trailers fejn anki ssuġġerrixxa li jsiru l-parkeġġi fi Triq Ħal Farruġ għalkemm minn naħa tal-Express Trailers ma kinux favorevoli fuq dil-proposta.

3.7 Il-Kunsilliera Sammut saqsiet jekk hux se jsiru l-markings tar-residential parking fi Triq id-Daqquqa Kaħla. Is-Sindku semma li dawn huma fil-proċess li jsiru. Il-Kunsilliera Sammut saqsiet ukoll il-għala il-bankina fi Triq id-Daqquqa Kaħla mhijiex kollha l-istess għoli. Is-

Sindku semma li din kellha ssir hekk peress li d-djar mhumiex kollha l-istess livell u għalhekk kellha tinstab din is-soluzzjoni.

3.8 Sammut semmiet biex isiru wheel bins żgħar fi Triq il-Qasam Sperimentali biex ir-residenti jkunu jistgħu jħallu ż-żibel fihom. Is-Sindku u l-Kunsillier Caruana semmew li minħabba f' hekk jista jkun hemm aktar żibel mferrex fiż-żona billi jista jkun hemm persuni li jħallu l-boroż taż-żibel barra l-bins. Il-Kunsilliera Sammut semmiet wkoll li hemm ħofra quddiem in-numru 291 fi Triq il-Ġdida biex naraw x hemm bżonn isir fuqha.

3.9 Il-Kunsillier Caruana qal li t-tabelli li nġiebu sabiex ma jkunx hemm minn jarmi huma żgħar wisq u appella lis-Segretarju biex jinġiebu tabelli akbar. .

3.10 Il-Kunsilliera Camilleri semma li hemm bżonn isir tabella biex tindika li Triq San Ġakbu ma tinfidx. Il-Viċi Sindku semma li kien hemm rapport lill-Kunsill li din it-tabella insterqet.

3.11 Il-Kunsilliera Massa qalet li t-tabella li kienet twaħħlet fil-kantuniera ta Triq il-Kanonku Ġwann Borg tinsab mgħawġa sabiex tiġi irranġata.

3.12 Il-Kunsilliera Sammut saqsiet jekk hux qed ikun hemm Pulizija fejn il-Mużew billi kien hemm xi residenti li semmew li t-tfal mhux qed ikollhom Pulizija. Is-Sindku irrisponda li huwa kien għamel laqgħa mal-Ispettur tad-distrett fejn anki semmielu din il-problema. Huwa appella lis-Segretarju biex jerġa jfakkru sabiex jordna li jkun hemm din is-sorveljanza.

3.13 Is-Sindku qara Memo li jirreferi fuq l-Iskema tal-Inizjattivi Sportivi li se terġa tkun organiżżata s-sena d-dieħla. Huwa appella biex nerġgħu napplikaw peress li kull sena qed tkun suċċess din l-Iskema.

3.14 Is-Sindku qara ittra li waslet mingħand il-Kunsill Malti għall Volontarjat sabiex tkun organiżżata laqgħa mal-gruppi tal-volontarjat li jinsabu Ħal Luqa.

3.15 Is-Sindku semma li se tkun organiżżata wkoll Skema bl-isem Empower immirata lejn iż-Żgħażagħ sabiex dawn jingħataw taħriġ. Se jkunu organiżżati courses li parti minhom se jkunu iffinanzjati mill-Aġenzija Żgħażagħ u parti oħra trid tkun iffinanzjata mill-Kunsill. Is-Sindku talab lis-Segretarju biex inġibu aktar informazzjoni.

3.15 Is-Sindku semma li irċevejna ittra li se nkunu mogħtija fondi fuq skema għar restawr. Se jkun hemm attivita fl-20 ta' Diċembru ġewwa Kastilja.

3.16 Inħarġet skema biex il-Kunsilli jkunu jistgħu japplikaw għal Inizjattivi Speċjali. Is-Sindku ippropona biex għal din l-iskema napplikaw sabiex isir Monument għall Vittmi tal-Gwerra maġenb il-Knisja. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu ma din il-proposta.

3.17 Il-Kunsilliera Sammut semmiet li inħarġet skema biex il-Kunsilli jkollhom Book Box li tkun telephone box li timtela bil-kotba sabiex dawn jiġu mislufa mill-pubbliku.

3.18 Il-Viċi Sindku semma li billi qed jintefqu ħafna flus meta jittieħdu r-ritratti huwa kien tal-parir li tinxtara camera iktar avvanzata minn dik li hemm fil-preżent sabiex tintuża għax xogħol tal-Kunsill. Il-membri tal-Kunsill qablu ma din il-proposta.

3.19 Is-Segretarju ressaq talbiet li saru mill-istaff tal-Kunsill sabiex il-leave rimanenti tal-istaff jkun imġedded għas-sena d-dieħla. Huwa semma li din il-konċessjoni tingħata sena iva u

sena le u għalhekk din is-sena kien imiss li tingħata din il-konċessjoni skont id-Dipartiment. Bħala leave imġedded ikun hemm sa massimu ta 48 siegħa.

3.20 Il-Kunsillier Camilleri semma li tal-ġbir tal-iskart kien qed jgħaddi kmieni qabel il-ħin li fih in-nies suppost joħorġu ż-żibel. Is-Sindku semma li m' għandux isir hekk u appella lis-Segretarju biex javżah sabiex iżomm il-ħin li hemm fil-kuntratt.

3.21 Il-Kunsillier Camilleri semma li l-lattrina mhux qed tinżamm nadifa u sejra lura. Il-Kunsillier Caruana semma li qed ikun hemm min ifixkel fiż-żamma tal-indafa tal-lattrina u anki kien hemm minn ipprova jsodd it-toilets. Huwa semma li se tinżamm għassa u minn jinqabad jittieħdu proċeduri kontrih.

## 4.0 TENDERS, FAMILY PARK ĦAL FARRUĠ, INSURANCE, PATCHING ETC

4.1 Dwar l-item tat-tenders is-Sindku qara r-rapport li sar matul il-laqgħa tal-Bord tat-Tenders rigward it-tender tal-patching, tal-Family Park ta Ħal Farruġ u dak tal-Insurance għall-Kunsill.

4.2 Fuq it-tender tal-patching kien hemm offerta waħda biss li kienet din ta V & M Vella Imports u għalhekk dan għadda unanimament peress li ma kienx hemm oħrajn.

4.3 Dwar it-tender tal-Insurance kien hemm żewġ offerti, imma l-offerta tal-Mediterranean Insurance Brokers kienet mingħajr garanzija bankarja u ogħla fil-prezz minn dik tal-Allcare Insurance Borkers. L-offerta tal-Allcare Insurance Brokers kienet irħas fil-prezz u konformi mal-proċeduri tat-tendering. L-offerta tal-Allcare Insurance Borkers kienet approvata mill-membri tal-Kunsill b' vot unanimu.

4.4 Fuq it-tender tal-Family Park ta' Ħal Farruġ is-Sindku spjega li l-Bord talab evalwazzjoni teknika fuq l-offerti li kienu sottomessi rigward dan it-tender. Kien għalhekk li ntalbet l-għajnuna tal-Perit fejn ħejja evaluation report fuq l-offerti. Is-Sindku hawnhekk qara l-evaluation report fejn fil-konklużjoni kien hemm li Alhag huwa iktar attrezat biex joffri playing equipment ta kwalita speċjalment billi dan it-tender huwa iktar konċernat fuq il-kwalita tal-materjal.

4.5 Il-Kunsillier Camilleri saqsa jekk nistgħux npoġġu deadlines fuq dan il-proġett biex jitlesta fiż-żmien mitlub. Is-Sindku semma li din tista issir imma Alhag li kien ukoll rakkomandat fir-rapport qed iwiegħed li huwa lest li jlesti x-xogħol fi żmien sitt ġimgħat.

4.6 Is-Sindku ppropona biex Alhag jingħata dan ix-xogħol peress li fl-offerta tiegħu huwa jissodisfa r-rekwiżiti tal-Kunsill kif ukoll qed joffri equipment superjuri. Il-membri preżenti tal-Kunsill qablu ma din ir-rakkomandazzjoni b' vot unanimu.

## 5.0 ATTIVITAJIET TAL-MILIED

5.1 Il-Viċi Sindku ippropona biex għal waqt dan iż-żmien ikun hemm festin tal-Milied għall membri tal-Kunsill u dawk li ħadmu flimkien mal-Kunsill għal din is-sena. Huwa issuġġerrixxa biex bħala post ikun hemm is-Sala taċ-Ċentru Parrokkjali u bħala data proposta kienet dik tal-21 ta' Diċembru 2012.

5.2 Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament li għandha isir attivita ta dan it-tip.

## 6.0 POST MORTEM, ATTIVITA MIKIELANĠ SAPIANO U ĦARĠA KULTURALI

6.1 Is-Sindku semma li fuq l-attivita ta Mikelanġ Sapiano kollox mexa kif kien ippjanat. Huwa qal li l-Quddiesa li saret barra l-ħin setgħet telfet milli aktar nies ikunu jafu bl-attivita.

6.2 Il-Kunsilliera Massa semmiet li l-ħarġa li saret kienet tajba anki peress li l-Mużew tal-Gwerra kien interessanti. Hija semmiet li kieku l-lanċa ħadmet dakinhar kienet tkun xi ħaġa isbaħ għall dawk li attendew, anki peress li dakinhar setgħet ħadmet xorta waħda.

## 7.0 MIXGĦELA TAT-TOROQ

7.1 Il-Kunsillier Camilleri saqsa lis-Sindku kif kien baqa huwa mal-każini fl-organiżazzjoni tal-mixgħela tat-toroq. Is-Sindku irrisponda li għal din is-sena żgur li ż-żewġ każini m' għandhomx ċans biex ikunu jistgħu jżejnu t-toroq peress li t-tnejn li huma qegħdin jirrestawraw il-faċċata tal-każini. Madanakollu lesti li għas sena d-dieħla isiru t-taħdidiet sabiex ikun jista jsir it-tiżjn għal festa tal-Milied.

## 8.0 PROĠETT FAMILY PARK

8.1 Fuq il-Proġett is-Sindku semma li l-Kunsill kienet inħariġlu l-permess sabiex ikun jista jibda dan il-proġett. Is-Sindku semma li bħalissa hemm kollox ippreparat sabiex jinbeda x-xogħol u se jibdew isiru l-kordinamenti.

## 9.0 SKEMI ETC

9.1 Is-Sindku semma li riċentament il-Kunsill kien akkwista persuna oħra mill-Iskema Xogħol fil-Komunita li jismu Anġelo Casha. Huwa semma li din il-persuna hija tas-sengħa fix-xogħol tal-kostruzzjoni u se tkun qed tagħti sehem tajjeb lill-Kunsill fix-xogħol tiegħu.

9.2 Il-Viċi Sindku semma li kienu saru intervisti fuq l-iskema tal-Impjieg Inklussiv. Minn dawn il-persuni li urew l-interess tagħhom ġew shortlisted dawk li joqgħodu fil-madwar anki peress li daw jeħtieġilhom isuqu u jistgħu jaffaċċjaw problema. Mill-kandidati li kien hemm 4 b' kollox magħżula, fosthom minhom li ma irrispondewx għad domandi li sarulhom. Kien hemm persuna, Malcolm Muscat li waqt l-intervista huwa wera li huwa kapaċi fl-organiżazzjoni tal-attivitajiet kulturali u dispost li jagħmel ix-xogħol li jagħtih il-Kunsill. Il-Viċi Sindku rrakkomanda din il-persuna li jista jagħti kontribut lill-Kunsill.

9.3 Il-membri tal-Kunsill qablu ma din ir-rakkomandazzjoni li jkun hemm Malcolm Muscat jagħti sehem lill-Kunsill Lokali.

## 10.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET

10.0 Il-Kunsillier Camilleri saqsa fuq pagamenti li kien hemm lill-Ray Abela Associates u Correct Termination Ltd fuqxiex kienu. Is-Segretarju irrisponda li dawn kienu fuq l-installazzjoni tas-sistema tal-live streaming għall Kunsill.

10.2 Is-Segretarju spjega li ċ-ċekk li kien hemm magħmul fuqu kien fuq photocopies li saru tal-posters ta Mikielanġ Sapiano. Huwa spjega li peress li dan l-ammont kien ftit aktar minn petty cash u kien diġa imħallas minn flusu ma setax jittieħed bħala petty cash u għalhekk kellu jagħmel ċekk.

## 11.0 AĠĠORNAMENT

Ma kienx hemm aktar punti fuq l-Aġenda biex jiġu diskussi u għaldaqstant is-Sindku iddikjara l-laqgħa magħluqa nhar il-Ġimgħa 30 ta' Novembru 2012, fis-7.00 p.m. Ma kienx hemm data proposta għal laqgħa li jmiss.

Konfermati llum _______________________ 2012.

_______________________

John Schembri
Sindku

_______________________

Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv